MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 136/2014

**Public Broadcasting Services Limited**

**(C 13140)**

**vs**

**Profim Limited**

**(C 48036)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-15 ta' April 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' erbat elef, sitt mija u erbgha u erbghin Euro u sitta u tletin centezmi (€4,644.36) rapprezentanti diversi servizzi moghtija kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 5 ta' Marzu 2014 u bl-imghax bl-oghla rata sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati fl-10 ta' Gunju 2014.

Illi fis-seduta tas 7 ta' Lulju 2014, il-Qorti kienet giet infurmata illi l-partijiet qed jippruvaw jittransigu.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2014 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 10).

Rat illi fis-seduta ta' llum is-socjeta konvenuta giet imsejjha izda ma deher hadd, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma s-somma ta' erbat elef, sitt mija u erbgha u erbghin Euro u sitta u tletin centezmi (€4,644.36) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------